MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 710/2010

**General Soft Drinks Co Ltd (C-1591)**
**Vs**
**Robert Martin (K.I. 373074M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, hames mija u sebghin ewro (€1570) rapprezentanti bilanc dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont ftehin tat-13 ta' Frar, 2009 fejn l-konvenut kellu jhallas lura self ta' tliet elef ewro (€3000) u l-konvnenut baqa' inadempjenti.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta izda deher ghas-seduta tal-14 ta' Lulju, 2010. Illi l-konvenut xehed illi huwa kien ircieva kopja tal-avviz tas-smiegh izda ma kienx ircieva l-avviz tat-talba. It-Tribunal jemmen lill-intimat. Illi seduta stante l-konvenut ta' ruhu

bhala notifikat u kellu jigbor kopja tal-avviz. It-Tribunal ghalhekk ikkoncedilu tmintax-il jum minn dik il-gurnata sabiex jipprezenta risposta izda ma jidhirx illi r-risposta qatt giet intavolata.

Illi xehed Stephen Bonnici, *human resources manager* tas-socjeta' attrici fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010 fejn ipprezenta kopja tad-dettalji tal-impjegat Robert Martin li kien ittermina l-impieg tieghu mas-socjeta' attrici fis-17 ta' April, 2009. Illi kien gie ffirmat ftehim bejn l-partijet fit-13 ta' Frar, 2009 fejn is-socjeta' attrici selfet €3000 lill-impjegat Robert Martin. Illi huwa kellu jhallas lura €400 fix-xahar. Illi s-socjeta' attrici sas- 6 ta' Ottubru, 2009 irceviet hames pagamenti fl-ammont ta' elf, erba' mija u tlettin ewro (€1430) izda kien baqa' l-bilanc mitluba fit-talba li sal-5 ta' Ottubru, 2010 kien ghadu ma thallasx.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010 l-avukat difensur tas-socjeta' attrici ddikjarat li kienet qed taghlaq il-provi. L-initmat imsejjah tlett darbiet skont il-ligi ma deherx. It-Tribunal iddecieda li fic-cirkostanzi il-kawza kellha tmur ghas-sentenza fuq il-provi.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------